16 ta' Frar, 1954

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Spiridione L. Mizzi pr. et ne. *versus* **Emmanuele Falzon.**

**Interessi — Dekorrenza — Art.1184 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi espressament tippreskrivi li għandhom jitħallsu l-interessi bis-sitta fil-mija fis-sena mill-jum li fih l-obbligazzjoni kien imissha tiġi eżegwita, jekk il-konvenzjoni tkun ta' natura kummerċjali; u b'hekk il-liġi tagħmel differenza markata mill-interessi ċivili bil-ħamsa fil-mija fis-sena, li għad-dekorrenza tagħhom hija rikjesta l-kostituzzjoni in mora tad-debitur b'att ġudizzjarju.*

*Meta d-debitu huwa ċert, u d-debitur ikun jaf, jew jista' faċilment jiddetermina l-ammont tad-dejn, il-massima "in illiquidis non fit mora" mhix applikabili.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta li l-konvenut talbu biex iħallas lilu s-somma ta' £599. 18. 10, kwantu għal £455 għas-sorti dovuta b'sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953 fil-kawża "Emmanuele Falzon vs. Spiridione Mizzi nomine", kwantu għal £35. 14. 0 għas-sehem ta' l-ispejjeż ta' l-istess kawża minnu dovuti, u kwantu għal £109. 4. 0 għall-interessi kummerċjali mid-9 ta' Novembru 1949; u li huwa ġà ħallas lill-konvenut is-somma ta' £533. 14. 10, fil-waqt li l-ammont komplessivament kellu jkun biss ta' £414. 1. 6, għar-raġuni illi l-interessi dovuti għandhom jammontaw biss għal £3. 6. 8, u mhux għal £109. 4. 0 li qiegħed jippretendi l-konvenut, u għalhekk is-somma ta' £39. 13. 4 ġiet imħallsa indebitament lill-konvenut, in eċċess tal-kreditu tiegħu skond il-liġi għas-sorti, interessi u spejjeż, skond is-sentenza fuq imsemmija; u li l-konvenut fil-kawża fuq riferita, deċiża minn din il-Qorti fis-6

ta' Ottubru 1953, talab fl-att taċ-ċitazzjoni l-kundanna ta' l-attur għall-ħlas tas-somma ta' £490 jew somma oħra verjuri, u għalhekk din is-somma ġiet biss likwidata fl-imsemmija sentenza, u kwindi l-interessi huma biss dovuti mill-ġurnata li din il-Qorti llikwidat il-kreditu tal-konvenut, attur f'dik il-kawża: talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-interessi kummerċjali dovuti lill-konvenut skond l-imsemmija sentenza tas-6 ta' Ottubru 1953, fil-kawża fl-ismijiet "Falzon vs. Mizzi nomine", għandhom jiddekorru biss mill-ġurnata li l-Qorti fl-istess sentenza llikwidat is-somma lilu dovuta minn dik li talab fl-att taċ-ċitazzjoni, u li l-konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi lilu s-somma ta' £39. 13. 4 li ġiet lill-istess konvenut indebitament imħallsa mill-istess attur in eċċess tal-kreditu tiegħu skond il-liġi, għar-raġunijiet premessi. Bl-interessi u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi, kwantu għall-fatti, fil-kawża li għaliha l-kontendenti għamlu riferenza fl-ismijiet "Falzon vs. Spiridione Mizzi nomine", deċiża minn din il-Qorti b'sentenza tas-6 ta' Ottubru 1953, il-konvenut, attur f'dik il-kawża, ippretenda ftehim ma' l-attur, konvenut f'dik l-istess kawża, li jaqsmu nofs kull wieħed il-profitti realizzati mill-bejgħ ta' żewġ karrozzi awtomobili "Humber Pullman Limousine 27 H.P., 1948 model", konsistenti dawk il-profitti fid-differenza bejn il-prezz tal-kost u dak tal-bejgħ ta' l-istess karrozzi,u talab li l-konvenut nomine, l-attur fil-kawża preżenti, jiġi kundannat iħallas lilu sehmu mill-imsemmija profitti, jiġifieri n-nofs ta' l-istess profitti, li huwa indika komplessivament fis-somma ta' £490 "jew somma oħra verjuri", bl-imgħaxijiet kummerċjali u bl-ispejjeż;

Bis-sentenza fuq indikata ġiet sostnuta l-imsemmija pretensjoni ta' l-attur, konvenut f'din il-kawża, u kwindi rikonoxxut id-dritt tiegħu għal nofs il-profitti realizzati mill-bejgħ ta' l-imsemmijin żewġ karrozzi; u t-talba tiegħu ġiet milqugħa, imma limitatament għas-somma ta' £455, billi rriżulta illi l-prezz tal-kost ta' kull karrozza kien ta' £1395, u waħda nbiegħet lil Paolo Busuttil f'Marzu ta' l-1949 bil-prezz ta' £1780, u l-oħra f'Novembru 1949 lil Joseph Schembri bil-prezz ta' £1950. L-attur jippretendi illi l-interessi li hu għan-

dik jħallas lill-konvenut skond it-talba ta' dan fil-kawża fuq indikata, u skond l-imsemmija sentenza, għandhom jiddekorru mill-jum li fih ġiet pronunċjata dik is-sentenza, jiġifieri mis-6 ta' Ottubru 1953, għaliex, kif huwa jallega, is-somma dovuta mid-debitur ġiet likwidata b'dik is-sentenza, u mhux mill-ġurnata li fiha ġew mibjugħin il-karrozzi, ossija minn dik li fiha ġiet mibjugħa t-tieni karrozza, kif evidentement qiegħed jippretendi l-konvenut billi dan talabhom mid-9 ta' Ottubru 1949;

Tikkunsidra fid-dritt;

Illi fl-art. 1181 tal-Kodiċi Ċivili l-liġi espressament tippreskrivi li għandhom jitħallsu l-interessi bis-sitta fil-mija fis-sena mill-jum li fih l-obligazzjoni tkun imissha ġiet eżegwita, jekk il-konvenzjoni tkun ta' natura kummerċjali; u b'hekk il-liġi tagħmel differenza markata mill-interessi ċivili bil-ħamsa fil-mija fis-sena li għad-dekorrenza tagħhom, skond id-dispost ta' l-istess artikolu, hija rikjesta l-kostituzzjoni in mora b'att ġudizzjarju. U r-raġuni għaliex fuq debitu kummerċjali likwidu u eżiġibili d-dekorrenza ta' l-interessi hija "di pieno diritto" tinsab fil-fatt illi l-interessi jirrappreżentaw lukru li d-debitur jipperċepixxi b'vantaġġ proprju minn kapital li jispetta lill-kreditur tiegħu, li jista' ugwalment jagħmel profitt minn dawk l-interessi;*

Illi d-debitu kummerċjali li l-attur kellu lejn il-konvenut meta nbiegħet it-tieni karrozza—l-attur kellu jħallas lill-konvenut meta tinbiegħ it-tieni karrozza, fol. 24 tergo tal-proċess relativ għall-kawża fuq riferita—kien likwidu u eżiġibili; is-somma li huwa kellu jħallas kienet determinata u eżiġibili; id-debitu kien likwidu, għaliex kien jikkonsisti preċiżament u sempliċement fin-nofs tad-differenza bejn is-somma minfuqa għall-akkwist tal-karrozzi, jiġifieri tal-"cost price", u dik inkassata bħala prezz tal-bejgħ ta' l-istess karrozzi, u kwindi dak id-debitu kien ċert mhux biss in rigward ta' l-eżistenza, imma anki ta' l-estensjoni tiegħu; u għalhekk ma kienx hemm bżonn li jiġi likwidat, u l-Qorti ma għamlet l-ebda likwidazzjoni fis-sentenza fuq riferita, għaliex ma għamlitx ħlief li kkonstatat kemm kienet id-differenza bejn il-prezz tal-kost u dak tal-vendita; u jekk in-nofs ta' dik id-differenza (id-debitu

ta' l-attur leju il-konvenut ma ikkorrispondiex eżattament għall-ammont *indikat mill-konvenut*, dana kien dovut għall-fatt li huwa ma kienx jaf bi preċiżjoni l-prezz tal-bejgħ, u kien għalhekk, evidentement, li talab dak l-ammont minnu ndikat "jew somma oħra verjuri". Din iċ-ċirkustanza, però, jiġifieri li l-kreditur ma kienx jaf preċiżament għal kemm kien jammonta l-kreditu tiegħu, ma turix u ma tfisserx li kien hemm bżonn ta' *likwidazzjoni*, jekk *id*-debitur kien jaf għal kemm kien jammonta d-debitu tiegħu;

Inoltre, hu ritenut fil-ġurisprudenza illi, meta d-debitu jkun ċert, jekk id-debitur jkun jaf, jew jista' faċilment jiddetermina l-ammont, kif fil-każ seta' jagħmel, il-massima "in illiquidis mora non contrahitur" mhix applikabili. "La massima '*in liquidandis non fit mora*' *intanto è da accogliersi in* quanto la illiquidità del debito venga per sè stessa a costituire quella causa estranea al debitore e a lui non imputabile". "Quando il debito è certo, ed il debitore può facilmente determinare l'ammontare, si rende inapplicabile il principio 'in liquidandis non fit mora' " (App. Venezia, 24 aprile 1908, Comune di Verona c. Società Gas di Verona, Temi 938; Cassaz. Napoli 11 gennaio 1908, Di Mario c. Società pel Risanamento di Napoli; Corte di App. 48, Dir. e Giur. XXIII, 692);

Illi għaldaqshekk il-konvenut, b'dispożizzjoni espressa u ċara tal-liġi, għandu d-dritt li jeżiġi l-interessi tas-sitta fil-mija (6%) fis-sena fuq is-somma ta' l-imsemmi kreditu tiegħu mill-jum li fih dak il-kreditu *kien eżiġibili*, jiġifieri mill-jum li nbiegħu l-karrozzi, ossija mill-jum li fih ġie mibjugħa t-tieni waħda. Il-konvenut, kreditur ta' l-attur fis-somma ta' nofs il-profitti hu "di pieno diritto" kreditur anki ta' l-interessi dekorsi mill-jum li fih l-attur, debitur tiegħu, kellu jagħtih dik is-somma sal-ġurnata tal-pagament;

Illi wkoll, għaldaqshekk, meta l-konvenut, bħala attur fil-kawża fuq riferita, talab il-ħlas tal-lukri kummerċjali, hu ifformula sewwa t-talba tiegħu skond dak li jagħtih il-liġi, u kwindi għall-interessi kollha skaduti anterjorment għaċ-ċitazzjoni, billi l-liġi tirrikonoxxih "di pieno diritto" kreditur anki tal-lukri mill-jum li fih id-debitur kien imissu adempixxa l-obligazzjoni tiegħu billi jagħtih u jħallas lilu l-imsemmija som-

ma determinata ta' nofs il-profitti fuq riferiti; u kwindi s-sentenza li laqgħet dik it-talba tiegħu ġenerika għall-interessi ma setgħetx ma laqgħethiex għall-lukri kollha li skond *il-liġi* huwa għandu dritt għalihom — fil-każ mill-jum li l-kapital kien dovut. Kieku ġiet speċifikata xi data oħra riferibilment għad-*dekorrenza* tal-lukri, per eżempju l-jum tas-sentenza, jew il-jum *tan-notifika* taċ-ċitazzjoni, *jew tan-notifika ta' xi att* ieħor ġudizzjarju kjedenti l-interessi, allura, non ostante li l-interessi huma dovuti "ipso jure" minn qabel, is-sentenza ma kienetx tkun akkordat anki dawk l-interessi *dovuti "ipso jure"* u skaduti fiż-żmien ta' qabel, l-għaliex f'dak il-każ kien ikun ġie vjolat il-preċett proċedurali li s-sentenza ma tistax tagħti iżjed minn dak li jkun intalab — vjolazzjoni li ċertament ma *tirrikorrix fil-każ li jiġu ġenerikament mitlubin l-interessi* skond il-liġi, mingħajr ebda indikazzjoni taż-żmien tad-dekorrenza tagħhom, u s-sentenza tilqa' t-talba, l-għaliex is-sentenza f'dan il-każ tkun tat preċiżament dak *li jkun ġie mitlub*, jiġifieri l-interessi skond il-liġi, li huma, skond l-istess liġi, dawk tas-sitta fil-mija fis-sena mill-jum li fih l-obligazzjoni kummerċjali kien imissha ġiet eżegwita bil-ħlas tas-somma determinata dovuta;

*Ġie, anzi,* ritenut *mit-tribunali* taljani — anki fil-liġi taljana debitu kummerċjali likwidu u eżiġibili ta' somma ta' flus jipproduċi interessi "di pieno diritto"—illi "il solo fatto che il creditore non abbia chiesto gli interessi, costituenti per legge un credito liquido, non importa rinuncia ai medesimi"; u li, anki f'dan il-każ ta' difett ta talba ta' dawk l-interessi, jittieħed kalkolu tagħhom, għaliex il-kreditur ta' debitu skadut huwa "di pieno diritto" kreditur anki ta' l-interessi dekorsi *mill-ġurnata ta' l-iskadenza* sa dik tal-pagament; tant li l-kompetenza "per valore" tiġi, anki f'dak il-każ, stabbilita avut rigward għas-somma kapitali u għall-interessi skaduti anterjorment. "Se al momento della citazione il credito è composto del capitale e degli interessi scaduti, il pretore deve ritenersi incompetente per valore, perchè gli si chiede una parte di un credito maggiore di lire 1500" (Tribunale di Commer-

cio di Venezia, 27 agosto 1884. Annuario critico di giurisprudenza commerciale 1884, no. 68);

Għall-motivi premessi;

Tirrespingi l-istanza, bl-ispejjeż.

---